**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru.: 532/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**MARIO PORTELLI**
**(ID: 0102867 M)**

**Illum 8 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **MARIO PORTELLI,** iben Carmelo Portelli u Rosina nee Spiteri, imwieled gewwa Pieta' nhar l-1 ta' Marzu, 1967, residennti gewwa 170, Triq il-Kuncizzjoni, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0102867M li ġie akkużat talli nhar is-26 ta' Awwissu 2021 u fil-granet ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa l-Msida u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkaguna lil ommu u cioe' Rozina Portelli, li ghandha l-eta ta' 82 sena, fastidju meta ripetutament gab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u dan waqt li kien qieghed jabita' fl-istess residenza ma' l-istess Rose Portelli

2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ommu Rose Portelli.

Akkuzat ukoll talli nhar is-26 t'Awwissu 2021 ghall-ħabta tal-11:00am gewwa l-Msida;

3. Minghajr ma dorob jew sawwat, hedded bi ħwejjeg ohra iebsin, jew waddab jew qabad armi ohra kontra ommu u cioe' Rose Portelli.

Akkuzat ukoll talli fil-21 ta' Lulju 2021 u s-26 ta' Lulju 2021;

4. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC2420 u PS2223, ufficjali pubblici waqt li kinu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma ħalliex jaqdu, jew fixkel, jew indaħal lil imsemmija ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

5. Naqas li jħares avviz bil-miktub jew naqas meta hekk kien gie mitlub ukoll jekk biss bil-fomm, li jattendi minn jheddu ma' Ufficjal ta' Pulizija f'xi Ghassa jew f'xi post ieħor li gie indikat lilu (GBDV Unit, GHQ Floriana)

Il-Qorti gija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mario Portelli a beneficju ta' ommu Rose Portelli u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' ħtija, biex tipprovdi ghall-peresuni ta' Rose Portelli u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mario Portelli b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali

ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal zmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ ħtija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi Mario Portelli sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-14 ta’ Lulju 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 251A(a), 251H(a), 251H(b), 251HA, u 202(h)(iii)(v)(vii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Fl-artikoli 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Fl-artikoli 339(1)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Fl-artikoli 355AD(3) u 355AD(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Fl-artikoli 17, 18, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-14 ta’ Settembru 2022 jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Rose Portelli** xehdet illi kienet għamlet rapport lill-Pulizija fix-xahar ta' Awwissu 2021 għaliex binha l-imputat Mario Portelli kien xorob żewġ fliexken tal-inbid, qam bil-lejl u beda jgħajjarha u joffendiha l-lejl kollu u spiċċaw jiġġieldu. Fissret illi binha jgħix magħha ġewwa 170, Conception Street, Msida, iżda l-ħin kollu jiġġieldu fuq ix-xejn minħabba x-xorb li jixrob. Dakinhar li għamlet ir-rapport, keċċiet lill-imputat 'il barra mid-dar u għalqitlu l-bieb iżda mbagħad ġie jħabbat u talabha tiftaħlu. Hi ma riditx tiftaħlu iżda meta beda jipprova jkisser il-bieb, iddeċidiet tiftaħlu. Spjegat illi dakinhar il-ġlied inqala' għaliex l-imputat ġie mix-xogħol għall-ħabta tat-3.00 p.m. jew l-4.00 p.m., għamel taħtu u ħammġilha l-art għaliex kien qed jixrob u beda jgħajjat u jidgħi u jsabbat u joffendiha. Qalet: "*jgħidli ma naħmlekx, dal-aħħar qalli ma naħmlekx, noboghdok. Noboghdok, noboghdok*" Hi ma felħitux iktar u marret l-Għassa tal-Pulizija fejn ħaduha d-Depot biex tagħmel ir-rapport "*għax beda jgħajjat u jidgħi u jsabbat u ma ssapportejtux.*" Xehdet ukoll li dakinhar l-imputat "*... jgħajjarni u joffendini ... li jien l-agħar waħda fost ħuti ... ommi u missieri keċċewni 'l barra ...*". Rose Portelli insistiet illi dakinhar meta qalilha dan il-kliem, l-imputat ma kienx avviċinaha b'xi mod u kien għajjarha biss. Qalet ukoll li dak il-ħin l-imputat kien qed jiekol u kellu sikkina u furketta f'idejh iżda għalkemm kien heddidha bħas-soltu bil-kliem, ma kienx missha jew għamel xi mossa bis-sikkina fil-konfront tagħha.

Rose Portelli xehdet ukoll dwar inċident ieħor li kien seħħ xi tliet ijiem jew erba' qabel[1], fejn huma kienu reġgħu lletikaw fuq ix-xorb bħas-soltu u l-imputat imbottaha minn sidirha, tefagħha fuq is-sufan, beda jtiha biċ-ċintorin u spiċċat b'tbenġila f'idejha u ġew il-Pulizija id-dar. Iżda insistiet li hi ma weġġgħetx. Xehdet ukoll li l-

[1] *"Ilu ftit ... ġurnata oħra, le ġurnata oħra"* – folio 39.

imputat ġie li qalilha li jħanxrilha għonqha iżda hi dejjem toqgħod kwieta u mbagħad tidħol torqod beżgħana.

**L-imputat, Mario Portelli** irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija fis-26 ta' Awwissu 2021 fejn insista li filwaqt li hu minnu li fis-26 ta' Awwissu 2021 huwa għajjar lil ommu "*kornuta*", "*qaħba*" u kliem ieħor baxx, dan għamlu għaliex ommu tefgħetlu flixkun u tatu bl-isqueezer ġo rasu u anke għajjret lil bintu. Stqarr ukoll illi matul dan l-argoment, ommu qabdet sikkina u għamlithielu ma' żaqqu fejn hu imbottaha u qalibha fuq is-sufan biex ma tkunx tista' ddaħħallu s-sikkina u ovvjament kien għajjarha minħabba li kien irrabja għaliha meta għamlitlu hekk. Dak il-ħin, ommu qabdet ukoll flixkun tal-inbid u wadbitulu u dan spiċċa frak fl-art. Hu nnega li refa' idejh fuq ommu jew li waddbilha flixkun huwa stess u stqarr li żgur mhux ser jiġġieled ma' mara ta' ħamsa u tmenin sena ħlief b'ilsienu. Insista ripetutament illi ma kienx waddab flixkun lejn ommu: "*lil ommi qatt ma waddabtilha xejn, mhux veru ... dik ma niflaħhiex infatti għalhekk kont ħa naqbad nidgħi. Għax dik gidba faħxija mill-kbar, noqgħod għal kollox, noqgħod għal kollox imma dik le għax jien lil ommu qatt m'erfajt idejja fuqha, qatt m'għamiltilha hekk, qatt m'għamiltilha hekk. Hi ħa ttini kemm trid. Mara ta' ħamsa u tmenin sena.*"[2]

Stqarr ukoll li fit-18 ta' Lulju 2021, kellhom argoment ieħor fejn ommu faqgħetlu għajnejh meta kien fuq il-laptop, u dan kif del resto għamlet erba' darbiet b'kollox, u dan meta tefgħetlu ħobża u kissritlu n-nuċċali bir-riżultat li faqgħetlu għajnejh. Madanakollu, hu stqarr li qatt ma għamel rapport mal-Pulizija fil-konfront tagħha. Qal ukoll li in segwitu, ommu irrejalizzat li żbaljat u ddispjaċiha tant illi għamlitlu appuntament fit-28 ta' Awwissu 2021 mat-tabib speċjalist tal-għajnejn.

Fir-rigward tar-rapport li ommu għamlet fil-konfront tiegħu fis-16 ta' Awwissu 2021, l-imputat stqarr li jaħseb li veru għajjar lil ommu bil-kliem "*qaħba, kornuta, demla u saħħara*", iżda żied jgħid illi dan għaliex ommu stess tgħajjru wkoll u allaħares kellu jirrepeti l-kliem li hija tgħidlu. Mistoqsi għaliex kull meta jixrob jinfexx jgħajjar lil

[2] Ara paġna 99 tal-atti tal-kawża.

ommu, huwa wieġeb li ommu stess dejjem toffendih u terfa' idejha fuqu u s-sitwazzjoni bejniethom bdiet sejra lura meta kien qaliliha f'Ġunju 2021 li bintu sejra tiżżewweġ, fejn ommu indannat u kull darba li jkollhom argoment tinfexx tgħajjar lil bintu.

L-imputat fisser li ommu tbati minn burdati koroh iżda moħħha għadu tajjeb ħafna. Madankollu, meta taqbad miegħu ma tħallihx bi kwietu u jkollu jew jitlaq 'il barra jew jiġġieled magħha. Qal ukoll li ommu dejjem tgħajru miġnun u tinfexx tgħajjar lil bintu għaliex ma taħmlilhiex. Iżda insista illi l-ġlied li jkollhom ikun dejjem bil-kliem biss għad illi dan jiġri ta' spiss ħafna:-

"*X'ma noffendihiex naqlagħlha l-qabar li sejra fih, u nħobbha għax dik ommi imma hi meta tkun bihom insapportabbli, insapportabbli u minn filgħodu tibda"*[3]

Ċaħad kategorikament illi qatt mess lil ommu u żgur mhux sejjer imissha ta' ħamsa u tmenin sena. *"Noqgħod għalihom. Nieħu paċenzja*"[4].

**L-imputat xehed ukoll quddiem il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2023** fejn fisser li f'Awwissu 2021 huwa kien id-dar jara t-tiġrijiet taż-żwiemel fuq il-laptop, għax hu dilettant, u ommu qaltlu biex ibaxxilu u jitfilu u biex ma jibqax jgħajjat. Dak il-ħin kien qed jiekol u kellu sikkina ma' ġenbu, fejn ommu qabdet is-sikkina u għamlitha ma' żaqqu. Hu qam għax dehrlu li kienet ser tweġġgħu u qabdilha idejha u mejjilha "*bil-galbu*" fuq is-sufan. Mistoqsi mill-Qorti, ċaħad li hu kien heddidha bis-sikkina u sostna li x'ħin ħadilha s-sikkina, poġġiha fuq is-sufan. Qal li mbagħad, ommu daħlet tiġri 'l ġewwa. Spjega li huwa minnu leħnu jgħajjat u ommu tkun mingħaliha li qed jgħajjat u b'hekk li kienu jitlewmu filgħaxija u jitgħajjru iżda dan f'rabja u mbagħad "*qiesu qatt ma kien xejn u tgħidli mur kul għax ħa jiksaħlek*". Għall-bqija ma kellhomx problemi bejniethom għaliex hija kienet issajjarlu u taħsillu l-ħwejjeġ u għadu sal-lum minkejja li ġie ordnat ma javviċinahiex u ma jikkuntattjahiex, iċempel

[3] Paġna 95 tal-atti tal-kawża.
[4] Paġna 99 tal-atti tal-kawża.

lill-ġirien biex jara jkollhiex bżonn xi ħaġa. Ikkonferma wkoll li hu u ommu kienu jiġġieldu ta' spiss iżda dejjem fuq ċuċati u dejjem filgħaxija x'ħin jidħol għaliex għall-bqija kellhom relazzjoni tajba.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li teżisti storja twila ta' tilwim bejn l-imputat u ommu Rose Portelli, li jgħixu taħt l-istess saqaf, u matul is-snin huma għamlu numru ta' rapporti mal-Pulizija fil-konfront ta' xulxin filwaqt li ttieħdu proċeduri fil-qorti fil-konfront sija tal-imputat u kif ukoll fil-konfront ta' Rose Portelli[5].

Il-Qorti fehmet li l-imputat għandu problema ta' xorb, vizzju li jidher li huwa wieħed mill-fatturi li jwassal għall-argomenti ripetuti bejnu u bejn ommu. Fehmet ukoll, mix-xhieda ta' Rose Portelli, illi meta jkun fis-sakra – ħaġa evidentement ta' sikwit - l-imputat jidgħi u jsabbat, jgħajjarha u joffendiha dejjem bl-istess kliem ċioe' li hija l-agħar waħda fost ħutha u li ommha u missierha keċċewha mid-dar, ħaġa li Rose Portelli tiċħad li huwa minnu. Fix-xhieda tagħha xehdet dwar żewġ episodji speċifiċi: wieħed li seħħ f'Awwissu 2021 fejn l-imputat reġa' qalilha dan l-istess kliem li hija tqis bħala offensiv kif ukoll qalilha li jobogħodha u ma jaħmlilhiex, u episodju ieħor li kien seħħ ftit ġranet qabel fejn l-imputat, li kien xurban bħas-soltu, imbottaha, tefagħha fuq is-sufan u sawwatha.

L-imputat huwa mixli bir-reat ta' fastidju. Il-Qorti tibda biex tosserva li għall-fini ta' sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, irid jiġi ppruvat li persuna:- (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew (b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna (fost azzjonijiet oħrajn li wkoll jikkostitwixxu dan ir-reat).

Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251Ċ tal-Kap. 9 li tgħid li referenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew

[5] Xhieda tal-Ispettur Audrey Micallef, 21 ta' Ottubru 2021.

idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment".

Blackstone fir-rigward, jgħid hekk[6]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. ...* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"* [emfasi tal-Qorti][7]

F'sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "****Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose****", ..."*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[8]**:-**

---

[6] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.
[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2.05.2013.
[8] Deċiża 21.6.2007.

*"…. **Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.**"* (emfasi ta' din il-Qorti)

Mix-xhieda tal-iSpettur Audrey Micallef[9] u PS 2223 Charlene Calleja[10], jirriżulta illi fis-26 ta' Awwissu 2021 Rose Portelli rrapportat lill-Pulizija li hija kienet qabdet sikkina bla ponta f'idha u lil binha qaltlu "*aqtagħha għax indaħħalhielek fl-istonku*" iżda sostniet illi fl-ebda ħin ma ressqet b'din l-arma lejh.  Dan ġie kkonfermat mill-imputat waqt l-istqarrija tiegħu kif ukoll fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, fejn kif rajna, iddikjara li kienet ommu li qabdet is-sikkina u għamlithielu ma' żaqqu u mhux viċe versa.

Rose Portelli rrapportat ukoll lill-Pulizija li sussegwentement, matul l-istess inċident, l-imputat kien qabad l-istess sikkina minn idha u beda jxejjriha lejha.  Madanakollu, dan ir-rapport evidentement jikkozza mal-verżjoni fid-depożizzjoni tal-istess Rose Portelli quddiem il-Qorti fejn, wara li ġiet mistoqsija ripetutament mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mill-Qorti, innegat emfatikament li l-imputat għamel xi mossa bis-sikkina jew avviċinaha bis-sikkina matul l-argoment in diżamina.   Dan jagħti kredenza lill-verżjoni tal-imputat dwar dan l-inċident u l-Qorti hi propensa temmen il-verżjoni tal-imputat li kienet ommu stess li qabdet is-sikkina u xejritha fid-direzzjoni tiegħu u l-imputat qabad din is-sikkina biss biex jeħodha minn idejn ommu u fl-ebda ħin ma heddidha biha jew xejjirha fid-direzzjoni tagħha, kif del resto ġie konfermat minn ommu stess fix-xhieda tagħha.

Il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm Rose Portelli rrapportat ukoll li dakinhar l-imputat qabad flixkun tal-inbid vojt u waddabhielha, fejn waqa' mal-art u inkiser, ma semmiet xejn minn dan fix-xhieda tagħha u fil-fatt, l-imputat innega kategorikament u bl-iktar mod emfatiku fl-istqarrija tiegħu li huwa għamel dan.

[9] Xhieda tal-21 ta' Ottubru 2021.
[10] Xhieda tal-21 ta' Ottubru 2021.

Għalhekk il-Qorti ma tistax tkun konvinta illi l-imputat, waqt l-argoment tas-26 ta' Awwissu 2021, effettivament waddab flixkun lejn ommu u lanqas illi ppontalha sikkina jew xejjirha fid-direzzjoni tagħha. Dak li huwa ppruvat fil-grad rikjest huwa li dakinhar seħħ argoment bejn l-imputat u ommu fejn ġiet skambjata litanija ta' tgħajjir u insulti bejniethom u ntqal ukoll kliem ta' theddid, fejn Rose Portelli wkoll qabbdet sikkina u heddhet lill-imputat biha. Lanqas mhu ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputat ħebb għal ommu jew tefagħha fuq is-sufan – fil-fatt, Rose Portelli xehdet illi dan kien ġara ftit ġranet qabel l-inċident tas-26 ta' Awwissu 2021. F'kull każ, dan l-allegat abbuż fiżiku ma jirriżulta minn ebda waħda mir-rapporti preċedenti li Rose Portelli għamlet lill-Pulizija fil-konfront ta' binha u li ġew ikkonfermati mill-Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proċeduri għalkemm, kif stabbilit, hija kienet regolarment tirrapporta lill-Pulizija l-inċidenti li kienu jseħħu minħabba l-litiġji regolari tagħhom.

Eżaminati fl-isfond tal-insenjament fuq riportat in tema tar-reat ta' fastidju, il-provi u x-xhieda li ressqet il-Prokseuzzjoni kif ukoll il-verżjoni tal-imputat, il-Qorti wara li ħasbitha fit-tul, ma taqbilx illi ġie ppruvat illi fl-imġieba tal-imputat f'dan il-każ tiffigura dik il-kondotta li jrid jippunixxi l-leġislatur fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9. Din il-konklużjoni waslet għaliha għaliex ma tirravviżax fl-azzjonijiet tal-imputat kif deskritti minn Rose Portelli fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, imġieba ripetuta li tikkaġuna pressjoni inġusta, allarm, biża' u ansjeta'. Il-Qorti fliet ix-xhieda ta' Rose Portelli kif ukoll il-verżjoni tal-imputat u fehmet illi l-inċident li seħħ fis-26 ta' Awwissu 2021 kien wieħed fost ħafna argomenti li kien ikollhom minħabba l-vizzju tax-xorb li għandu l-imputat u mit-tgergir rejattiv u forsi mhux rejattiv, tal-omm, liema tgergir kien jixpruna sensiela ta' kliem ħażin kif ukoll tgħajjir u insulti reċiproċi bħalma del resto seħħ ukoll fl-inċident tat-18 ta' Lulju 2021 li xehdet dwaru PS 2223 Charlene Calleja[11] u fl-inċident tas-16 ta' Awwissu 2021 li xehdet dwaru wkoll PC 2426 Josianne Vassallo[12].

---

[11] Xhieda tal-21 ta' Ottubru 2021.
[12] Xhieda tal-21 ta' Ottubru 2021.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[13], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret illi:-

"*... hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. ... Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabbilit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.*"

Blackstone fir-rigward, jgħid hekk[14]:-

"***A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment; it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30]."* (emfasi tal-Qorti)

Huwa minnu li l-imġieba tal-imputat konsistenti f'għajjat, dagħa u tisbit, jidher li hi waħda ripetuta għaliex minn dak li xehdet ommu, huwa jġib ruħu b'dan il-mod frekwentement minħabba l-vizzju tax-xorb u l-imputat innifsu kkonferma li kienu jitlewmu regolarment bil-kliem, iżda l-Qorti ma tirravviżax fid-dagħa, insulti u theddid li ntqal matul il-litiġji u argomenti li xehdet dwarhom Rose Portelli, l-estremi ta' imġieba da parti tal-imputat li hija intiża u twassal biex tikkaġuna pressjoni inġusta, biża' u allarm fil-vittma. *Multo magis* meta anke Rose Portelli stess stqarret fir-rapport li għamlet lill-Pulizija dwar l-inċident tas-26 ta' Awwissu 2021, illi hi stess kienet qabdet sikkina għal binha u heddhitu biha kif ukoll għajritu[15] u meta l-imputat saħaq ripetutament illi ommu taqbad miegħu u tgħajru konsistentement u ġġib ruħha miegħu b'mod "*insapportabbli*".

[13] Deciza fit-28 ta' Novembru 2018.
[14] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.
[15] Ara xhieda tal-Ispettur Audrey Micallef u PS2223 Charlene Calleja, 21 ta' Ottubru 2021.

Għalkemm huwa minnu li kif diġa' ngħad, dawn l-insulti, inġurji u kliem ta' tgħajjir joffendu u setgħu verament dejqu lil Rose Portelli għaliex ix-xorta ta' tgħajjir u kliem ta' theddid li ddeskriviet huma indubbjament kapaċi, minnhom infsuhom, iqanqlu ċertu grad ta' dwejjaq fil-vittma (u effettivament dejquha għaliex xehdet li ma felħitux iktar tant li keċċietu barra mid-dar) kif ukoll għaliex il-vittma hija mara anzjana li ċertament ma tiflaħx għall-keded ta' persuna xurbana. Iżda l-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li dan it-tgħajjir intqal f'kuntest ta' argomenti bejniethom u tqis illi kliem li jintqal waqt il-kors ta' argomenti li jseħħu fil-qafas ta' relazzjoni bejn koabitanti li ma jissapportux il-vizzji rispettivi ta' xulxin u jinfexxu f'tgħajjir u insulti kif ukoll theddid fuq bażi regolari, ma jikkostitwixxix il-'fastidju' prospettat mill-Artikolu 251A tal-Kap 9[16].

Hawnhekk għandu jingħad ukoll illi anke jekk, għal mument biss, kellu jiġi aċċettat illi ġie ppruvat kif imiss (ħaġa li ma saritx f'dan il-każ) illi verament seħħ l-inċident deskritt minn Rose Portelli fix-xhieda tagħha fejn l-imputat allegatament tefagħha fuq is-sufan u sawwatha biċ-ċintorin, il-Qorti ma taqbilx li dan ifisser li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' fastidju. Għalkemm l-azzjonijiet tal-imputat kif deskritti minn ommu fix-xhieda tagħha mhux biss kienu kapaċi b'mod oġġettiv iqanqlu fil-vittma biża' u allarm, ma jirriżultax mix-xhieda u l-provi illi fil-parametri temporali tar-reati fiċ-Ċitazzjoni, seħħ inċident ieħor bħal dan, ċioe' inċident li nissel ix-xorta ta' allarm u biża' f'Rose Portelli bħal dik li fissret fix-xhieda tagħha b'rabta mal-inċident tas-sufan. Kif diġa' stabbilit, id-diversi istanzi ta' tgħajjir, insulti u theddid li ddeskriviet l-istess Rose Portelli fix-xhieda tagħha, dejjem intqalu f'kuntest ta' tilwim bejnha u bejn l-imputat, tilwim li kif rajna, jinqala' b'mod regolari naturalment anke għaliex l-imputat u ommu jgħixu taħt l-istess saqaf.

Kif rajna, l-azzjonijiet li jsawru l-fastidju ma jistgħux jittieħdu in iżolament iżda fil-qafas ta' kondotta ripetuta li jrid jiġi ppruvat li ġiet imwettqa fiż-żmien speċifikat fiċ-Ċitazzjoni. Prova li madankollu f'dan il-każ huwa nieqes għaliex Rose Portelli naqset

---

[16] Ara wkoll sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizja (Spettur Kevin Pulis) v. Sebastian Grima**, 12 ta' Settembru 2022 li kienet tikkonċerna tilwim bejn koabitanti iżda f'ċirkostanzi differenti.

milli ssemmi fix-xhieda tagħha episodji oħrajn definiti ta' imġieba da parti tal-imputat li fiha huma ravviżabbli l-effetti u l-kwalitajiet maħsuba mill-Artikolu 251Ċ tal-Kap. 9.

Kif inhuwa assodat in materja, jeħtieġ li l-aġir li jikkostitwixxi l-fastidju jkun manifestat f'iktar minn okkażjoni waħda għaliex ir-reat ta' fastidju jesiġi kondotta ripetuta u mhux biżżejjed inċident wieħed iżolat:-

*"Huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja tar-reat ta' fastidju illi jeħtieġ li jintwera li "l-imgieba" tal-aġent tar-reat, tammonta għal a course of conduct. Dan hu deżumibbli mhux biss mill-użu speċifiku tal-kliem "iġġib ruħha" iżda mill-fatt illi huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju xi xorta ta' kondotta ripetuta.*

*In propositu tar-reat ta' harassment, intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-*

*"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS )."*[17]

Għaldaqstant hija nieqsa l-prova li setgħet tikkonvinċi lill-Qorti fil-grad meħtieġ fil-kamp kriminali, li l-imputat effettivament mexa b'kondotta ripetuta li kkaġuna fastidju

[17] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

lil ommu u għalhekk ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikoliu 251A tal-Kap. 9 addebitat fl-ewwel imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 ċioe' li għamel lil ommu inġurji jew theddid, jew jekk ikun ipprovokat, inġurjaha b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Mill-provi huwa indiskuss illi l-imputat għamel inġurji u theddid lil ommu li huwa serju u li m'huwiex ġustifikat lanqas fl-isfond tad-dikjarazzjoni tiegħu li ommu kienet qed tipprovokaha. Fil-fatt l-imputat sija fl-istqarrija tiegħu kif ukoll fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti ammetta illi huwa għajjar lil ommu. Fl-istqarrija tiegħu qal li huwa minnu li lil ommu qalilha: "*qaħba, kornuta, demla u saħħara*".

Għaldaqstant l-imputat sejjer jinstab ħati tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikllolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 addebitat fit-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat taħt l-Artikolu 339(1)(d) ċioe' li ħebb kontra ommu sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmlilha ħsara. Il-Qorti diġa' ddeċidiet illi l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 għaliex ġie ppruvat kif imiss li inġurja u hedded lil ommu. Madanakollu, ma jirriżulta mkien mix-xhieda ta' Rose Portelli li huwa qatt għamel għaliha, assaltaha jew aggrediha u l-imputat innifsu fl-istqarrija tiegħu eskluda bl-iktar mod kategoriku li huwa qatt ħebb għal ommu jew messha, ħlief meta matul l-argoment li kellhom fis-26 ta' Awwissu 2021, huwa imbottaha u qalibha fuq is-sufan biex ma tkunx tista' ddaħħallu s-sikkina li kienet qed theddu li ser iddaħħalha fl-istonku tiegħu. L-inċident li skont Rose Portelli seħħ ftit ġranet qabel is-26 ta' Awwissu 2021 fejn allegatament sawwatha biċ-ċintorin, qatt ma ġie rapportat lill-Pulizija u l-Qorti wara li semgħet ix-xhieda tal-

imputat u rat l-istqarrijiet li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni, għandha riżervi mhux ftit dwar il-veraċita' tal-verżjoni ta' Rose Portelli u mhijiex lesta tagħti affidabbilita' lil din il-verżjoni.

Il-Qorti temmen lill-imputat, speċjalment meta saħaq ripetutament li lil ommu qatt ma kien jasal biex jerfa' idejh fuqha u li joqgħod għal kollox irrispettivament x'tista' tagħmillu[18] u minkejja wkoll li tista' tkun "*insapportabbli*" u għalkemm veru joffendiha, iħobbha ħafna għaliex hi ommu[19].

Għaldaqstant ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Fir-raba' imputazzjoni, l-imputat ġie mixli li naqas milli jobdi l-ordinijiet leġittimi mogħtija lilu minn PC 2420 u PS 2223 waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx, indaħlilhom jew fixkilhom fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi PS 2223 Charlene Calleja fix-xhieda tagħha, ma għamlet l-ebda referenza għal xi nuqqas ta' ko-operazzjoni jew tfixkil da parti tal-imputat fil-qadi tad-dmirijiet tagħha u għaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab ħati li huwa naqas milli jobdi l-ordnijiet tagħha jew li aġixxa b'mod li jirrientra fl-azzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 339(ee) tal-Kap. 9.

PS 2420 Samantha Mifsud xehdet illi fil-21 ta' Lulju 2021 hija kienet ippruvat diversi drabi tagħmel kuntatt mal-imputat fuq il-mobile biex imur ikellimha ġewwa s-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika iżda qatt ma wieġeb it-telefonati tagħha. Ikkonfermat ukoll illi hija tat struzzjonijiet lil PC 1429 biex tintbagħat *letter to call* lil Mario Portelli biex jiġi jkellimha hemmhekk dakinhar stess jew waqt li tkun xogħol iżda hija baqa' qatt ma rċeviet l-ebda kuntatt lura mingħand l-imputat. Fir-rigward,

[18] Ara paġna 99 tal-atti tal-kawża.
[19] Paġna 95 tal-atti tal-kawża.

PC 1429 Dylan Pace ikkonferma illi fil-21 ta’ Lulju 2021, fuq struzzjonijiet ta’ PS 2420 huwa kien bagħat lix-xufier tad-distrett li kien xogħol dakinhar, biex iqassam *letter to call* lil Mario Portelli fir-residenza tiegħu ġewwa Triq il-Kunċizzjoni, l-Imsida, fejn intalab imur fis-sezzjoni tal-vjolenza domestika dakinhar stess bejn id-9.00 u l-5.00 p.m. jew fis-26 ta’ Lulju 2021 bejn is-6.30 p.m. sal-għada fil-għodu. Xehed ukoll illi x-xufier kien qallu li l-karta kienet ġiet imqassma lill-imputat.

Hu evidenti li l-Prosekuzzjoni hawnhekk ukoll naqset milli ġġib prova kif imiss li l-imputat huwa ħati tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9. Fil-fatt hija naqset milli tressaq l-aħjar prova li ġie kommess dan ir-reat, mhux biss għaliex baqgħet ma ġietx prodotta fl-atti kopja tal-ittra kontenenti l-istruzzjonijiet imsemmija, iżda wkoll għaliex l-unika prova li l-*letter to call* ġiet effettivament imqassma lill-imputat hija x-xhieda ta’ PC 1429 Dylan Pace li x-xufier inkarigat bit-tqassim tal-ittra, qallu li din ingħatat lil Mario Portelli. Izda fin-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tressaq bħala xhud lill-imsemmi xufier, biex jikkonferma illi huwa kien personalment u effettivament qassam l-ittra lill-imputat, ix-xhieda ta’ PC 1429 mhi xejn għajr xhieda fuq kliem ħaddieħor li kif inhu risaput, ma jiswiex bħala prova.

Huwa minnu li l-imputat fl-istqarrija tiegħu qal li huwa ma kienx mar ikellem lill-Pulizija għaliex kien ma jiflaħx u għandu karta li turi dan, imkien ma stqarr speċifikatament u espressament li huwa kien irċieva din l-ittra, il-mod kif irċieviha u l-istruzzjonijiet li ngħata. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tkun sodisfatta li l-imputat effettivament irċieva l-istruzzjonijiet imsemmija fix-xhieda ta’ PS 2420 u PC 1429 u konsegwentement ma jistax jinstab ħati li naqas milli jobdi ordnijiet leġittimi mogħtija lilu.

Fuq kollox iżda, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta’ dan ir-reat għaliex evidentement, fin-nuqqas tiegħu li jattendi fis-sezzjoni tal-vjolenza domestika wara li allegatament irċieva avviż bil-miktub biex jagħmel dan, huma ravviżabbli l-elementi tar-reat taħt l-Artikolu 355AD(3) u (5) tal-Kap. 9 u għalhekk, billi jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi, l-azzjonijiet tal-imputat meta allegatament naqas milli jirrapporta fis-

sezzjoni tal-vjolenza domestika ma jistgħux jikkostitwixxu reat ukoll taħt l-Artikolu 338(ee) tal-istess Kodiċi[20].

Fil-fatt, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali iċċita wkoll l-imsemmija subartikoli (3) u (5) tal-Artikolu 355AD tal-Kap. 9. Dawn jipprovdu:-

"*Il-Pulizija tista', bil-fomm jew b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jew post ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenzi li n-nuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5).*
...
*(5) Persuna li tonqos milli tħares xi avviż bil-miktub bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jew li tonqos, meta tkun hekk ġiet mitluba, ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur minn jeddha ma'uffiċjal tal-Pulizija f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tiġi arrestata minnufih taħt mandat.*"

Il-Qorti tqis illi l-istess konsiderazzjonijiet appena magħmula dwar il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni b'rabta mar-reat taħt l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9, fosthom in-nuqqas ta' prova sodisfaċjenti tal-fatt li l-imputat effettivament irċieva l-avviż bil-miktub, jgħoddu wkoll ugwalment għad-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 355AD(3) tal-Kap. 9.

Magħdud dan iżda, il-konsiderazzjoni illi għall-fini tal-prova tal-ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 355AD(3), in-nuqqas ta' prova dwar il-kontenut tal-avviż bil-miktub

---

[20] Dan ir-reat jissussisti *"... kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra."*

imsemmija fix-xhieda ta' PC 1429, huwa determinanti. Dan qed jingħad għaliex għas-sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 355AD(3), jeħtieġ li jiġi ppruvat mill-Prosekuzzjoni li l-avviż bil-mitkub kien fih it-twissija dwar il-konsegwenzi li n-nuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5). Kif diġa' stabbilit, il-prova dwar il-kontenut tal-avviż bil-miktub li skont PC 1429 ġie mqassam lill-imputat, hija nieqsa u għaldaqstant jikkonsegwi li hija nieqsa l-prova ta' wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat taħt l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9 ċioe' mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra ommu Rose Portelli. Kif diġa' eżawrjentement ikkunsidrat iktar qabel, il-Qorti mhijiex sodisfatta li ġie ppruvat fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali li l-imputat qabad is-sikkina biex jhedded lil ommu għaliex kif rajna, il-provi juru mod ieħor. Fir-rigward tal-inċident li xehdet dwaru Rose Portelli, li allegatament seħħ ftit ġranet qabel, ma nġiebu l-ebda provi li l-imputat qabad ċintorin u l-Qorti tinsab ftit perplessa kif filwaqt li Rose Portelli rapportat kull argoment li seħħ ma' binha, anke dawk ferm inqas gravi, baqgħet qatt ma rapportat dan l-allegat swat biċ-ċintorin. Fuq kollox izda, dan l-allegat swat ma jinkwadrax fir-reat maħsub taħt l-Artikolu 339(1)(b) billi kieku kien debitament ippruvat li dan l-inċident seħħ, l-imputat ikollu jinstab ħati talli effettivament sawwat u darab lil ommu.

Ikkunsidrat finalment;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 għaliex huwa evidenti li għamel lil ommu inġurji jew theddid meta l-imputat innifsu stqarr "*X'ma noffendihiex naqlagħlha l-qabar li sejra fih"* u stqarr ukoll li għajjarha "*qaħba, kornuta, demla u saħħara*". Għalkemm huwa minnu li seta' ġie provokat minn ommu li kif stabbilit, ukoll kienet tgħajru u taqbad miegħu, il-Qorti temmen li dawn l-insulti mhux biss huma gravi u jeċċedu l-limiti ta'

kull provokazzjoni li tista' tqanqal vittma ta' ħamsa u tmenin sena, iżda jidher li ixprunati mill-vizzju tax-xorb li inevitabbilment jinnewtralizza l-awto kontroll tal-emozzjonjiet u rejazzjonijiet tal-persuna. Vizzju li l-Qorti fehmet li huwa rejali anke mill-istqarrijiet tal-imputat innifsu magħmula waqt l-interrogazzjoni.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt illi ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil MARIO PORTELLI ħati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ammenda ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23).**

**B'żieda mal-piena u b'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed ukoll lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum jegħleb il-vizzju tax-xorb alkoħoliku u dan skont it-termini u kundizzjonijiet u ghall-finijiet specifikati fl-Ordni moghtija kontestwalment, liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex iżomm il-paċi ma' ommu Rose Portelli u dan taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**